MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1091/2009

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Rothmans of Pall Mall Limited, kumpanija estera Registrata f'*Companies House* (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' registrazzjoni 00676565, u b'indirizz registrat ta' 65, Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit**

**-VS-**

1. **Raymond Borg, b'dettalji ta' identifikazzjoni mhux maghrufa fil-mument tal-prezentata ta' dan l-att, u b'indirizz indikat fuq inkartament kummercjali relattiv bhala dak ta' "104 St. Dominic Str, Valetta";**

**U**

2. **EURO FREIGHT SERVICES LIMITED, registrata bl-ittra**

**C numru 25544, u b'indirizz registrat ta'1 / 2 Spiteri Buildings Triq Ganni Vassallo, Luqa LQA 1511.**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Rothmans of Pall Mall Limited, kumpanija estera Registrata f'*Companies House* (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' registrazzjoni 00676565, u b'indirizz registrat ta' 65, Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit tad-9 ta'Novembru 2009, li li jaqra hekk:

*1. "Illi s-socjeta' attrici li tifforma parti mill-grupp ta' kumpanniji British American Tobacco, maghruf sew madwar id-dinja nkluz f'Malta inter alia in konnessjoni ma' prodotti ta' sigaretti maghrufa ukoll lokalment bhala ROYALS, hija propjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju u in konnessjoni mal-istess;*

*2. Illi b'hila b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva is-socjeta' attrici flimkien ma' kumpanniji affiljati ohrajn, kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u if ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat- trademarks taghha fuq prodotti ROYALS;*

*3. Illi fost ohrajn is-socjeta' attrici ghandha validament irregistrati f'Malta bhala trademarks is-segwenti u cioe' ROYALS (kelma, nru 37183), ROYALS (figurattiva, nru. 35235) u R ROYALS (figurattiva, nru. 44324) u dawn kollha dwar prodotti f'kategorija li tinkorpora prodotti ta' sigaretti fost l-ohrajn;*

*4. Illi s-socjeta' attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta), biex b'hekk inter alia tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikli 2(1)(a)(i) u (iii), 4 u 8 (1) tal-istess Kap. 414 fost l-ohrajn;*

*5. Illi recentement waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-istess kap. 414, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-container BSIU 9165061 kontenenti fost l-ohrajn kwantita' ta' prodotti ta' sigaretti gewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, liema sigaretti , pakketti u kaxxi tal-kartun kollha fihom sinjali "ROYALS" u dawn artikli waslu fid-Dwana ta'Malta destinati ghas-suq lokali, b'inkartament kummercjali relattiv li tindika deskrizzjoni tal-merkanzija kompletament differenti u tindika noltri bhala consignee lil "MR.RAYMOND BORG", b'indirizz hemmhekk indikat ta' "104 St.Dominic Str, Valeta MALTA" (bill of lading nru. GSINMALH906487) u separatament bhala consignee lil "EUROFREIGHT SERVICES LIMITED ", b'indirizz hemhekk indikat ta' 1, Spiteri Buildings Ganni Vassallo Street Luqa LQA 1511, Malta attention Quentin Zahra" (bill of lading rif. SEA WAYBILL HJSCSINE10875904), u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkostanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar propjeta' intellettwali;*

*6. Illi socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-12 t'Ottubru 2009 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll l-istess kampjuni, ikkonfermat lil-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar propjeta' intellettwali. Minn naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta' attrici kopji ta' dokumenti relattivi li jindikaw bhala consignee lil "MR. RAYMOND BORG", b'indirizz hemmhekk indikat ta' "104 St.Dominic Str, Valeta, MALTA" (bill of lading nru. GSINMALH906487) u separatament bhala consignee lil "EUROFREIGHT SERVICES LIMITED ", b'indirizz hemm hekk indikat ta' 1, Spiteri Buildings Ganni Vassallo Street Luqa LQA 1511, Malta attention Quentin Zahra" (bill of lading rif. SEA WAYBILL HJSCSINE10875904);*

*7. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li minn informazzjoni rcevuta mill-Kontrollur tad-Dwana jidher li huma b'kollox 12650 kaxxa tal-kartun b'10 pakkett f'kull kaxxa tal-kartun u b'20 sigarett f'kull pakkett*

*(total ta' 2,530,000 sigarett), jikkontravvjenu d-drittijiet dwar propjeta'intelletwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll inter alia u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 4 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijet rilevanti tal-artikli 10 u 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-Trademarks (Kap. 416);*

*8. Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sad-9 ta'Novembru 2009 (inkluz) sabiex is-socjeta' attrici taghtih prova li nbnew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizzjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;*

*9. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati;*

*10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita' ta' prodotti ta' sigaretti gewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, bis-sigaretti li fihom sinjali "ROYALS" bhal dawk tas-socjeta' attrici u prezentati b'mod prominenti, u li kollha jinsabu prezentament mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-dwana wara li huwa kien sab li l-container BSIU 9165061 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;*

*2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ' lhinn mill kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-u ghas-spejjez ta'l-konvenuti;*

*3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvneuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;*

*4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluz dawk tat-trasport tal-imsemija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, tad-distruzzjoni stess.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Euro Freight Services Limited tad-9 ta' Dicembru 2009 li taqra hekk (a fol. 52) :

*1. "Illi preliminarjament, l-attur noe irid igib il-prova li l-awtur tieghu kien debitament awtorizzat illi jhalli l-prokura ta' l-attur noe, u dan b'referenza ghall-massima delegatus non potest delegare;*

*2. Illi preliminarjament, l-attur noe ghandu jgib prova li d-dettami procedurali ta' l-Artikoli 5 u jew 6 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, skont il-kaz, gewx rigorozament rispettati;*

*3. Illi fil-mertu, l-attur noe ghandu jgib il-prova skont il-grad rikjest mill-Ligi li l-oggetti mertu tal-kawza humiex fil-fatt jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali vantati mill-attur noe;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu micudha bl-ispejjez kontra l-istess attur noe, ghaliex kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-involviment ta' l-eccipjenti kien purament ta' receiving agent, u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux iregu fil-konfront taghha stante li l-Artikoli 14-19 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta huma diretti kontra min effettivament qieghed jikser id-drittijiet ta'*

*proprjeta' intelletwali, mentri l-eccepjenti garret skond il-bill of lading li nghatat lilha, u certament qdiet l-obbligi kollha taghha qua carrier abbazi tad-dokumentazzjoni relattiva u legali, u bl-ebda mod ma' l-eccepjenti tista' titqies responsabbli jekk il-kontenut tal-container ma kienx skond dak allegat mill-attur noe u konformi mad-dokumenti relattivi;*

*5. Illi t-tieni u t-tielet talbiet ta' l-attur noe fl-ezekuzzjoni taghhom huma proponibbli biss lejn persuna li ma hiex parti tal-kawza, u ghaldaqstant, sakemm tali ordni ma jkunx dirett lejn il-konvenuti jew min minnhom, tali talbiet ma jistghux jintlaqghu, kif redatti – ghaldaqstant il-gudizzju ghandu jirrizulta li mhux integru;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghar-raba' eccezzjoni, f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba attrici, l-eccepjenti m'ghandha ebda interess xi jsir mill-oggetti mertu ta' din il-kawza, hlief ghal dak sollevat fir-raba' eccezzjoni u tirrizerva d-drittijiet kollha taghha versu l-persuni kollha koncernati ghall-kumpens ghad-danni kollha li qeghdin, u ghad isoffri, kif ukoll ghall-hlas tas-servizzi rezi naxxenti mill-Bill of Lading de quo;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal kull buon fini jigi rilevat bir-rispett, u dan bhala amicus curiae, illi d-distruzzjoni ta' l-oggetti maqbuda zgur sejra tintralca l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u l-Inkjesta Magisterjali, li ghadha ghaddejja sal-lum, in kwantu ssir id-distruzzjoni ta' l-ahjar prova f'kaz li jittiehdu proceduri kriminali;*

*8. Illi in kwantu ghar-raba' talba, din m'ghandhiex tintlaqa' fil-konfront ta' l-esponenti, u dan stante illi b'referenza ghat-tielet eccezzjoni, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghar-raguni hemm moghtija.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri"*

Rat illi l-intimat Raymond Borg, ghalkemm debitament notifikat bir-rikors guramentat, ma pprezentax risposta u ghalhekk huwa kontumaci.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-5 t'Ottubru 2010 illi bih gie nominat l-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea;

Rat ir-relazzjoni minnu prezentata u mahlufa fit-2 ta' Mejju 2013;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Rothmans of Pall Mall Limited, kumpanija estera Registrata f'*Companies House* (Ingilterra u Wales) bin-numru ta' registrazzjoni 00676565, u b'indirizz registrat ta' 65, Pall Mall, Londra SW1Y 5HZ, fir-Renju Unit , tal-10 ta' Marzu 2011 (a fol. 272 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Eurofreight Services Ltd tat-23 ta'Gunju 2011 ( a fol. 298 et seq.);

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi r-rikorrent noe xehed li gie infurmat mid-Dipartiment tad-Dwana (a fol. 23) li ai termini tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u EC Regulation 1383/2003, gew ikkonfiskati kunsinna ta' sigarretti bil-marka 'BUSINESS ROYALS', liema kunsinna kienet parti mill-kontenut li nstab fil-*container* BSIU 9165061 *ex vessel* HANJIN BRUSSELS u li fl-opinjoni tad-Dipartiment tad-Dwana dawn is-sigarretti kienu kontra l-ligi relattivment ghat-*trademark* tar-ROYALS li hija proprjeta' ta' ROTHMANS OF PALL MALL u ghalhekk l-attur noe ghal verifika tal-autenticita' tal-istess.

George Agius, ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana, informa lill-attur noe li fil-*container* in kwistjoni kienu nstabu sigarretti bil-marka 'Business ROYALS' fil-kwantita' ta' 253 *master cases* b'10,000 sigarrett kull wiehed li ghalhekk jammontaw ghal 2,530,000 sigarrett. Ir-rapprezentant tad-Dwana xehed li dan il-kaz gie rregistrat mid-Dwana bin-numru 70/09/59 u li s-sigarretti kienu ghadhom mizmuma mid-Dwana b'investigazzjoni Kriminali pendenti.

Mill-komunikazzjoni bejn il-Kontrollur tad-Dwana u s-socjeta' rikorrenti qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna (Dok G a fol. 17 et seq.) jirrizulta li r-rikorrent noe informa lill-Kontrollur tad-Dwana illi l-oggetti mertu tal-kawza kienu kontrafatti u li proceduri civili kienu ser jigu intavolati nhar id-9 ta' Novembru 2009. L-attur noe kkonferma li meta bdiet il-konfiska tal-oggetti mertu tal-kawza odjerna hu rcieva *emails* u kampjuni tal-istess oggetti minghand l-ufficjali tad-Dwana u ghalhekk informa lis-socjeta' Rothmans of Pall Mall Limited li minn naha taghha kkonfermat illi l-oggetti konfiskati kienu foloz. Ghalhekk, l-attur noe informa b'dan lill-Kontrollur tad-Dwana u istitwixxa l-azzjoni odjerna skont il-ligi.

Flimkien mar-rikors guramentat ir-rikorrent noe pprezenta estratt mir-Registru tat-*Trademarks* ta' Malta dwar it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 37183 – ROYALS (Dok. B); estratt mir-Registru tat-*Trademarks* ta' Malta dwar it-*trademark* bin-numru ta' registrazzjoni 35235 – ROYALS (Dok. C); estratt mir-Registru tat-*Trademarks* ta' Malta dwar it-trademark bin-numru ta' registrazzjoni 44324 – R ROYALS (Dok. D); kopja tal-*bill of lading* rif. GSINMALH906487 (Dok. E); kopja tal-bill of lading rif. SEA WAYBILL HJSCSINE10875904 (Dok. F); kopja ta' komunikazzjoni bejn il-Kontrollur tad-Dwana u s-socjeta' rikorrenti qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna (Dok. G); u ritratti ta' kampjuni tal-oggetti in kwistjoni (Dok. H).

Mill-bill of lading HJSCSINE10875904 (Dok. F a fol. 21) jirrizulta li l-*container* in kwistjoni telaq minn Singapore destinat ghal Malta. **Il-*bill of lading* tindika li l-*container* kien fih diversi oggetti li pero' ma jinkludux sigarretti**.

Skont l-istess *bill of lading*, **kienu indikati bhala *'consignee'* kemm is-socjeta' intimata Euro Freight Services Limited u anke l-intimat Raymond Borg.**

Geraldine Ann Tahsin, *Senior Trade Mark Manager* tas-socjeta' Rothmans of Pall Mall Limited, xehedet li mir-rittratti tas-sigarretti kkonfiskati mibghuta minn Dr. Luigi A. Sansone kienet certa li dawn ma kienux manifatturati bil-kunsens ta' jew mis-socjeta' Rothmans of Pall Mall Limited jew xi kumpannija tal-*British American Tobacco Group of Companies*. Ix-xhud spjegat li fl-opinjoni taghha l-prodotti in kwistjoni jiksru d-drittijiet tas-socjeta' Rothmans of Pall Mall Limited in kwantu proprjetarja tat-*Trade Marks* registrati Malta bin-numri 37183 (Royals – kelma), 35235 (Royals – figurattiva) u 44324 (Royals – figurattiva) u dan peress li analizi komparattiva turi bic-car illi l-kliem identiku ta' ROYALS u l-prossimita' bejn il-presentazzjoni tal-istil tal-kelma ROYALS kif tidher fuq il-prodotti kkonfiskati u t-*trademarks* tal-kumpanija bin-numri ta' registrazzjoni 37183, 35235 u 44324 jista' johloq konfuzjoni ghall-pubbliku li jista' facilment jassocja dawn l-istess prodotti kkonfiskati mal-prodotti maghrufin bhala ROYALS li huma mmanifatturati bil-kunsens ta' jew mill-kumpaniji li jifformaw parti mill-British *American Tobacco Group of Companies*. Infatti meta wiehed jikkompara l-prodotti konfiskati u t-*trademarks* rregistrati f'Malta bin-numri 37183, 35235 u 44324 wiehed jinnota illi l-kelma ROYALS hija identika fiz-zewg kazijiet, l-istil ta' prezentazzjoni huwa bejn wiehed u iehor identiku ghat-trademark bin-numru 35235 u il-marka fuq il-pakketti u l-kartuna tal-prodotti ezaminati hija simili ghat-*trademark* bin-numru 35235.

Dan kollu juri bic-car illi l-fatturi dominanti tal-prodotti kkonfiskati kienu maghmula b'mod biex jigu mibjugha bhal li kieku kienu prodotti tal-kumpanija Rothmans of Pall Mall Limited. Ix-xhud spjegat ukoll li l-konsumatur joqghod biss fuq *'imperfect recollection'* tal-prodott peress li rari jkollu l-okkazzjoni li jara z-zewg prodotti ma genb xulxin u jikkumparahhom. Il-kwalita' u t-toghma tas-sigarrett ma tistax tigi evalwata qabel il-konsumatur jiftah il-pakkett u ghalhekk il-kriterju tat-toghma ma jistax jigi evalwat qabel

isir il-bejgh. Ghalhekk, il-prodotti kkonfiskati m'ghandhomx x'jiddistingwihom mit-*trademarks* proprjeta' w uzati mill-kumpanija Rothmans of Pall Mall Limited. Ix-xhud qalet li dawn il-prodotti huma kontrafatti peress li ghandhom *trademark* li ma tistax tigi distinta, fl-aspetti essenzjali taghha, mit-*trademarks* tal-kumpanija Rothmans of Pall Mall Limited u ghalhekk jiksru d-drittijiet tal-istess kumpanija ai termini tal-Ligijiet ta' Malta. Barra minn hekk f'kas tat-*trademark* rregistrata bin-numru 37183 ROYALS (kelma), ir-registrazzjoni awtomatikament tkopri wkoll l-iskema tal-kuluri skont il-prattika universali li tikkoncerna l-proprjeta' intelletwali.

Seamus Gunton, impjegat tas-socjeta' British American Tobacco (Malta) Limited, li tifforma parti mill-grupp ta' kumpanniji internazzjonali maghrufin bhala British American Tobacco, xehed illi hu ezamina l-prodotti kkonfiskati bil-marka ROYALS u kkonkluda li huma falsifikati. Ix-xhud ikkonferma wkoll ix-xhieda ta' Geraldine Ann Tahsine.

Permezz ta' nota pprezentata nhar it-13 t'April 2010 ir-rikorrent noe ezebixxa *inter alia* numru ta' sigarretti formanti parti mill-kampjuni ta' oggetti kkonfiskati bil-marka 'ROYALS' (Ezebit A); numru ta' sigarretti prodotti minn, jew bil-kunsens, tas-socjeta' Rothmans of Pall Mall Limited bit-*trademark* 'ROYALS' kif debitament irregistrat bhala tali f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni 37183 dwar sigarretti fost ohrajn (Ezebit B); lista tat-*trademark* ROYALS tas-socjeta' Rothmans of Pall Mall Limited, registrati f'madwar 160 pajjiz madwar id-dinja fi klassi 34 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi li tinkorpora prodotti ta' sigarretti fost ohrajn, bil-kelma 'ROYALS' registrata kemm fis-Singapore kif ukoll f'Malta (Dok ROPM 1 a fol. 135 tal-process); estratt mill-*website* tal-World Intellectual Property Organization (WIPO), dwar il-klassi 34 tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement (kif sussegwentement emendat), bil-*general heading* dwar *tobacco; smokers' articles; matches* u bl-ispecifikazzjoni partikolari *cigarettes* (C0499) (Dok ROPM 2 a fol. 259 tal-process); u estratt mir-Registru tat-*Trademarks* ta' Malta dwar l-applikazzjoni

ghat-*trademark* bin-numru ta’ applikazzjoni 49533 ‘BUSINESS ROYALS (figurattiva)’ (Dok ROPM 5 a fol. 262 tal-process).

Noel Chircop, General Manager u azzjonist tas-socjeta’ intimata Euro Freight Services Limited, xehed li l-kumpanija intimata kienet giet appuntata bhala *receiving and booking agent* tal-kumpanija CWT/GlobeLink ta’ Singapore. Ix-xhud spjega illi din il-kumpanija CWT/GlobeLink taghmel *consolidations* u cioe’ *freight forwarders* madwar id-dinja jaghtu x-xoghol lilha biex hi tiddistribwih fid-destinazzjonijiet fejn topera u ghalhekk 90% tax-xoghol generat ikun gej minn barra l-pajjiz. Fil-kaz in dezamina, x-xoghol gie bbukkjat minn *freight forwarder* barrani Holland Freight Bridge li ghadda l-*booking* lill-ufficcju ta’ CWT Globelink f’Dubai li huwa maghruf bhala GlobeLink West Star Shipping LLC-Jebel Ali, li hija *branch* tal-kumpanija CWT GlobeLink. Chircop xehed li x-xoghol gie bbukkjat u l-*freight* imhallas minn barra u intbaghat mill-origini tieghu ghal Singapore biex jigi trasportat ghal Malta. Ix-xhud spjega li meta jkun hemm bizzejjed xoghol biex jimtela’ l-*container* ghad-destinazzjoni finali, l-kumpanija taghmel dan u tibghat il-*container*, u hekk gara fil-kaz in ezami.

Ix-xhud spjega illi s-socjeta’ intimata tigi nfurmata b’dan ix-xoghol li jkun tghabba fil-*container* billi tircievi il-manifest permezz ta’ *email* bid-deskrizzjoni tar-ricevituri kollha li ghandhom ix-xoghol fil-*container* u d-deskrizzjoni tal-kontenut, bil-piz u l-kubagg. F’dan il-kaz, ix-xoghol mghobbi kien gie iddikkjarat bhala *household goods*. Sussegwentement, is-socjeta’ intimata ppreparat id-dikkjarazzjoni lid-Dwana skont il-manifest li rceviet u peress li dan ix-xoghol kien gej minn barra l-Ewropa, l-*container* ried jinhatt fil-prezenza tal-ufficcjali tad-dwana. Wara dan il-process, id-Dwana harget *TD ID number* a bazi ta’ liema harget in-*notice of arrival* lill-persuna indikata bhala destinararja fuq il-*bill of lading* u cioe’ l-intimat Raymond Borg.

Ix-xhud spjega wkoll id-differenza bejn *House Bill of Lading* u *Master Bill of Lading*. Meta l-agent, li f’dan il-kaz

kien CWT Globelink, jimla' l-*container* b'diversi konsenji ghal klijenti differenti bil-maggioranza tax-xoghol generat minn barra l-pajjiz huwa jibbukkja l-*container* ma' linja merkantili u johrog il-*master bill of lading* minghand l-istess linja. Dan il-*master bill of lading* jindika bhala *shipper* l-agent innifsu filwaqt li r-ricevitur ikun ir-*receiving agent* li jirrapprezenta d-destinazzjoni finali, li f'dan il-kaz kienet is-socjeta' intimata. Il-*master bill of lading* jinkludi wkoll deskrizzjoni generali tal-kontenut tal-*container*. Ix-xhud xehed li bhala *freight forwarders*, u ghalhekk mhux id-destinatarji jew is-sidien tal-merkanzija, huma qatt ma jistghu jkunu jafu jekk il-merkanzija tkun differenti minn dik kif deskritta fil-*master bill of lading*. L-agent ta' barra jiddikjara u jiddiskrivi l-merkanzija bhala *'said to contain'* jew 'STC', li tfisser li l-agenti jiddikjaraw dak li qalulhom min baghat ix-xoghol. F'dan ir-rigward ix-xhuda spjega li la l-agent ta' barra u lanqas is-socjeta' intimata m'ghandhom l-obbligu jew id-dritt li jifthu l-*pallets* biex jispezzjonaw il-kontenut.

Ix-xhud spjega li peress li l-*container* ikun mimli b'konsenji differenti ghal ricevituri differenti, tinhareg *master bill of lading* lill-agent li jirraprezenta lil minn baghat ix-xoghol biex dan ikun jista' jipprocedi bil-garr tal-*container* mix-xatt ghall-*groupage complex* ta' Hal Far fejn ix-xoghol jinhatt mill-*container* fil-prezenza tal-ufficjali tad-Dwana, issir l-*end of consolidation* min-naha tad-Dwana u l-agent ikun jista johrog *notice of arrivals* u *delivery orders* lid-destinatarji proprji tax-xoghol kif indikat fuq il-manifest u l-*house bill of lading*. Ghalhekk, id-destinatarju proprju jigi indikat biss fuq il-*house bill of lading*. Fil-kaz odjern is-socjeta' intimata tidher bhala l-*consignee* tal-*master bill of lading* filwaqt li l-intimat Raymond Borg jidher bhala *consignee* fuq il-*house bill of lading* u ghalhekk mill-*house bill of lading* is-socjeta' intimata rat li x-xoghol kellu jasal ghand l-intimat Raymond Borg u mill-informazzjoni fuq l-istess *house bill of lading* inhargitlu *notice of arrival*.

Ix-xhud spjega illi mill-*bills of lading* jidher li l-konsejna la giet ibbukkjata minn Malta u lanqas kien hemm xi hlas ta' *freight* minn Malta. L-involviment tas-socjeta' intimata kien limitat biss ghar-riceviment tal-*container* skont il-*master*

*bill of lading* u l-hrug tan-*notices of arrival* skont il-*house bill of lading*, liema informazzjoni giet mill-agent f'Singapore u s-socjeta' intimata la kellha kuntatt ma' min inkariga lill-agent f'Singapore u lanqas mal-intimat Raymond Borg.

Noel Chircop ezebixxa l-manifest li s-socjeta' intimata tircievi fuq kull *container* li jitghabba (Dok. NC1). Ix-xhud ikkonferma illi s-socjeta' intimata harget *invoice* ghall-konsejna in kwistjoni pero' xehed li ma thallsitx taghha u ma mar hadd biex jigbor ix-xoghol. Ix-xhud ezebixxa wkoll is-segwenti dokumenti :
*email* li turi li s-socjeta' intimata giet appuntata agent ta' CWT Globelink (Dok. NC2);
*bill of lading* li turi li x-xoghol mexa minn Dubai ghal Singapore (Dok. NC3); *covering* email li permezz taghha s-socjeta' intimata rceviet il-manifest (Dok NC4); *notice of arrival* li juri l-hlas li ghandu jsir mill-intimat Raymond Borg (Dok. NC5); *gate pass out* li huwa d-dokument li permezz tieghu jinhareg ix-xoghol mid-dwana (Dok. NC6);
*delivery order* li turi li s-socjeta' intimata kienet ghaddiet ix-xoghol (Dok. NC7); dokument li s-socjeta' intimata tibghat lid-dwana biex jaghtuha *TD ID number* li huwa numru mahrug mid-Dwana sabiex tista' tinhareg l-ordni lill-klijenti (Dok. NC8);
kopja tal-*invoice* li s-socjeta' intimata harget lill-intimat Raymond Borg u li ma thallsitx (Dok. NC9);
lista ta' spejjez inkorsi mis-socjeta' intimata in konnessjoni mal-merkanzija in kwistjoni (Dok. NC10) u cioe' rcevuta ta' hlas lil Sullivan Shipping ghall-ispejjez tal-gar tal-container (Dok. NC10a), parti mill-ispejjez tal-*Freeport* (Dok. NC10b),
spejjez tal-burdnara tas-socjeta' intimata biex itellghu x-xoghol mix-xatt sa Hal-Far Groupage Complex u sabiex jinhatt ix-xoghol (Dok. NC10c),
spejjez tal-*Freeport* (Dok. NC10d). Ix-xhud ezebixxa wkoll il-*master bill of lading* li tohrog mis-*shipping line* ghal container shih, irrispettivament tal-kontenut tieghu (Dok. NC11).

Ix-xhud spjega illi bhala *shipper* dejjem jidher l-agent ta' barra u bhala *consignee* jidher *receiving agent* li f'dan il-

kaz kienet is-socjeta' intimata. Ix-xhud ezebixxa wkoll *house bill of lading* li tohrog mill-agent u tohrog *bill of lading* ghal kull konsejna li hemm fil-*container*, indirizzata lil min ghandu jircievi x-xoghol u cioe' sid ix-xoghol (Dok. NC12).

In kontro-ezami, George Agius in rapprezentanza tal-Kontrollur tad-Dwana, xehed li s-socjeta' intimata hija wahda mill-*consignees* kif jirrizulta mill-*bill of lading* Dok. F a fol. 16 tal-process, filwaqt li isem l-intimat Raymond Borg jidher bhala *consignee* vide Dok. E a fol. 15 tal-process. Ix-xhud spjega illi s-socjeta' intimata suppost tkun taf x'se jghabbu fil-*container* u dan ghaliex bir-regolamenti tad-dwana fejn jidhol affarijiet ta' *high value* jew perikoluzi, huma jridu jindikawhom. Ix-xhud qal li, xoghol is-socjeta' intimata huwa li tivverifika l-kontenut mad-dokumenti u cioe' li tiftah il-kaxxa partikolari u b'hekk ghandhom jerfghu r-responsabbilita' tal-kontenut. Ix-xhud spjega li l-ewwel dokument li jintalab mid-Dwana hija l-*master bill of lading* u meta jkun kaz ta' *groupage* kull *cargo* ikollu *bill of lading* iehor li f'dan il-kaz kienet tindika lill-intimat Raymond Borg, pero' l-*container* kollu kien jindika lis-socjeta' intimata.

B'referenza ghal Dok. E a fol 15 tal-process, ix-xhud qal illi l-ittri 'STC' ifissru *'said to contain'* li titnizzel mill-persuni li jibghatu x-xoghol minn barra u ghalhekk huma ma jafdawhiex. Ix-xhud qal ukoll li n-*notice of seizure* (Dok. Y) inharget mill-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront tas-socjeta' intimate, in kwantu hi kkunsidrata bhala l-importatur tal-*container* u li din in-*notice* inharget ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fuq applikazzjoni tar-rikorrent noe.

Il-Qorti wara li ezaminat u analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Vella Galea, taghraf illi ghandha takkolji il-maggiorparti tar-rezultanzi minnu raggunti ghajr kif ser jigi spjegat .

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' nota pprezentata nhar is-16 ta' Marzu 2010 (a fol. 130) is-socjeta' intimata rtirat l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghha u ghaldaqstant il-Qorti tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni taghha s-socjeta' intimata eccepiet li: *l-attur noe ghandu jgib il-prova skont il-grad rikjest mil-Ligi li l-oggetti mertu tal-kawza humiex fil-fatt jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali vantati mill-attur noe.*

Ai termini tal-Artikolu 2(1) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, oggetti falsifikati jikkontravvjenu dritt dwar proprjeta' intellettwali. Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti tgwadi minn dritt dwar proprjeta' intellettwali in kwantu hi l-proprjetarja tal-marka 'ROYALS', liema marka hija rregistrata f'Malta bhala trademark bin-numri 37183, 35235 u 44324, u tipproduci fost l-ohrajn, sigaretti bl-isem 'Business Royals'.

L-istess **Artikolu 2(1) tal-Kap. 414** jipprovdi s-segwenti jikkostitwixxu **oggetti falsifikati:**

***(i) oġġetti, inkluż l-ippakkettjar tagħhom, li jkollhom fuqhom mingħajr awtorizzazzjoni trade mark li tkun identika mat-trade mark validament reġistrata għar-rigward tal-istess tip ta' oġġetti, jew li ma tkunx tista' tiġi distinta fl-aspetti essenzjali tagħha minn trade mark tali, u li b'daqstant tikkontravvjeni d-drittijiet tat-trade mark involuta taħt il-liġi ta' Malta;***

***(ii) Omissis***

***(iii) materjal tal-ippakkettjar li jkun fih it-trade marks ta' oġġetti falsifikati, ippreżentati separatament fl-istess ċirkostanzi bħalma jkunu l-oġġetti msemmija fis-subparagrafu (i).***

Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Geraldine Ann Tahsin (a fol. 35) u ta' Seamus Gunton (a fol. 95) li ezaminaw bir-reqqa l-oggetti in kwistjoni importati fil-*container* BSIU 9165061, jirrizulta li dawn l-oggetti ma

gewx immanifatturati mis-socjeta' attrici jew bil-kunsens taghha u li ghalhekk huma falsifikati in kwantu kemm l-oggetti u kif ukoll l-ippakkettjar taghhom ghandhom fuqhom is-sinjal ROYALS, li hu identiku ghat-*trade mark* proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti, u dan minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta' rikorrenti.

Illi ghalhekk, gie ppruvat b'mod sodisfacenti li l-oggetti mertu tal-kawza jikkontravvjenu d-dritt ta' properjta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' intimata .**

Is-socjeta' intimata permezz tar-raba' eccezzjoni taghha eccepiet is-segwenti: *it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu micudha bl-ispejjez kontra l-istess attur noe, ghaliex kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-involviment ta' l-eccipjenti kien purament ta' receiving agent, u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux iregu fil-konfront taghha stante li l-Artikoli 14-19 tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta huma diretti kontra min effettivament qieghed jikser id-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali, mentri l-eccepjenti garret skond il-bill of lading li inghatat lilha, u certament qdiet l-obbligi kollha taghha qua carrier abbazi tad-dokumentazzjoni relattiva u legali, u bl-ebda mod ma' l-eccepjenti tista' titqies responsabbli jekk il-konvenut tal-container ma kienx skond dak allegat mill-attur noe u konformi mad-dokumenti relattivi;*

Permezz ta' din l-eccezzjoni s-socjeta' intimata qed targumenta li hi mhijiex responsabbli ghall-kwalsiasi kontravvenzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu l-involviment taghha f'dan il-kaz kien sempliciment ta' *receiving agent* tal-merkanzija fil-kariga taghha ta' *freight forwarder*, u ghalhekk li tircievi l-merkanzija hawn Malta ghan-nom tad-destinatarju, liema merkanzija giet mibghuta lilha minn *freight forwarder* esteru fuq ordni tad-destinatarju, u li tghaddi din il-merkanzija lill-istess destinatarju. Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li r-rwol tas-socjeta' intimata f'dan il-kaz kien wiehed ta' *freight forwarder* pero' s-socjeta' rikorrenti

spjegat li l-kawza odjerna giet esperita anki fil-konfront tas-socjeta' intimata in kwantu fil-*bill of lading* (Dok. F a fol. 16) din tissemma' bhala *consignee*.

F'dan ir-rigward is-socjeta' intimata spjegat b'mod dettaljat u konvincenti r-raguni ghalfejn issemmiet bhala *consignee* fil-bill of lading a fol. 16 u cioe' li dan kien kaz ta' *groupage* fejn is-'*shipper'* esteru CWT/GlobeLink ghabba diversi konsenji li kienu intizi ghal destinatarji differenti f'*container* wiehed, liema *container* kien mibghut lejn Malta u ghal liema inharget *Master bill of lading* (a fol. 16) u li tinkludi deskrizzjoni tal-konsenji kollha (anke dawk mhux relatati mal-kaz odjern). Hija fuq din il-*Master bill of lading* li s-socjeta' intimata hija indikata bhala *consignee* u ghalhekk dan ifisser li hija l-persuna inkarigata li tircievi l-*container* bil-konsenji kollha. Is-socjeta' intimata spjegat ukoll li oltre dan il-*Master bill of lading*, is-'*shipper'* esteru hareg ukoll *house bill of lading* ghal kull konsenja individwali li kienet tinsab fil-*container*, fuq liema *house bill of lading* kien hemm deskrizzjoni tal-kontenut ta' dik il-konsenja partikolari u fejn l-intimat Raymond Borg wahdu kien indikat bhala *consignee* (Dok. E a fol. 15).

Da parti taghha, u nonostante din l-ispjegazzjoni tas-socjeta' intimata, s-socjeta' rikorrenti ssostni li dan il-fatt *per se* li s-socjeta' intimata hija indikata bhala *consignee* hija sufficjenti sabiex tpoggiha fl-istess keffa tal-intimat l-iehor Raymond Borg in kwantu hija *"dikjarant"* kif definit fl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 414 u cioe' hi importatur, destinatarju, esportatur jew sid tal-oggetti, jew in kwantu hija persuna involuta fl-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Kap. 414 ossia d-dhul gewwa Malta ta' oggetti li jikkontravjenu dritt ta' proprjeta' intellettwali.

Il-Qorti tinnota li l-persuna tad-"dikjarant" ma tinkwadrax ruha u fil-fatt anqas tissemma' fl-Artikolu 8 tal-Kap. 414, a bazi ta' liema huma msejsa t-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet rikorrenti. L-Artikolu 8(1) jipprovdi li l-mizuri hemm msemmija relattivi ghall-infurzar tal-jeddijiet tad-detentur tad-dritt ta' proprjeta' intelletwali ghandhom isehhu minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez ta', l-importatur, esportatur jew sid ta' l-oggetti u **mhux tad-**

**dikjarant**, liema persuna kif definita’ fl-Artikolu 2(1) ma tinkwadrax ruhha fl-Artikolu 8.

Il-Qorti tinnota ukoll li **l-*bills of lading* relattivi ma nhargux mis-socjeta’ intimata izda minn terzi**; li l-ordni in kwistjoni originat minn terzi minghajr l-ebda involviment da parte tas-socjeta’ intimata; li l-merkanzija fuq il-*bills of lading* in kwistjoni giet deskritta minn terzi bhala *household goods* u mhux sigarretti; u li d-destinatarju finali kif indikat fuq il-*house bill of lading* relattiva ghall-merkanjiza in kwistjoni hu l-intimat Raymond Borg. In oltre, ghalkemm ma hemm l-ebda definizzjoni tal-kelma *‘importatur’* fil-Kap. 414, il-Qorti tqis li din ma tinkludix il-*freight forwarder* kif argumentat is-socjeta’ rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, izda l-importatur ghandu jitqies bhala dik il-persuna li jimporta l-merkanzija ghall-iskopijiet tan-negozju tieghu u mhux dik il-persuna li sempliciment tkun qed tagixxi bhala *receiving agent*. In oltre, d-dikjarazzjoni msemmija mis-socjeta’ rikorrenti fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha relattivament ghal-legislazzjoni sussidjarja 499.01 tista’ ssir kemm mill-kunsinnatarju u anke mill-agent tieghu w ghalhekk il-fatt li s-socjeta’ intimata hija mnizzla bhala ‘importer’ fid-dikjarazzjoni maghmula lill-Malta Freeport Terminals (Dok. NC10b) ma teskludix li s-socjeta’ intimata ghamlet tali dikjarazzjoni fil-vesti taghha ta’ agent u ghalhekk tali dikjarazzjoni ma tfissirx necessarjament li s-socjeta’ intimata kienet qed tagixxi *de proprio* kif qed tallega s-socjeta’ rikorrenti. Kwindi, b’referenza ghax-xhieda ta’ George Agius, dak li d-Dwana tikkunsidra bhala ‘importer’ ghall-finijiet tad-dikjarazzjoni msemmija ma ghandux ikollu l-istess tifsira jew effetti ghall-finijiet tal-Kap. 414. Ghalhekk, in vista tas-suespost, is-socjeta’ intimata ma tistax titqies la bhala sid l-oggetti, la bhala importatur u wisq anqs bhala esportatur ghall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Kap. 414.

Fil-fehma tal-Qorti il-kaz kien ikun ferm divers kemm–il darba kien jirrizulta mill-provi illi l-*consignee* ikun persuna jew kumpanija fittizja jew inezistenti. Fil-kaz odjern ma ebda ombra ta’ prova f’dan is-sens.

**Ghaldaqstant u f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti tilqa' ir-raba' eccezzjoni tas-socjeta' intimata.**

Permezz tal-hames eccezzjoni taghha s-socjeta' intimata eccepiet - *Illi t-tieni u t-tielet talbiet ta' l-attur noe fl-ezekuzzjoni taghhom huma proponibbli biss lejn persuna li ma hiex parti tal-kawza, u ghaldaqstant, sakemm tali ordni ma jkunx dirett lejn il-konvenuti jew min minnhom, tali talbiet ma jistghux jintlaqghu, kif redatti – ghaldaqstant il-gudizzju ghandu jirrizulta li mhux integru;*

L-Artikolu 8(1) tal-Kap. 414 jipprovdi illi:

*Fi procedimenti li jkollhom x'jaqsmu ma' l-infurzar tal-jeddijiet tad-detentur ta' dritt, il-Qorti ghandha:*

*(a) b'regola generali, tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn oggetti stabbiliti bhala oggetti li jikkontravvjenu dritt ta' proprjetà intellettwali '1 hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lid-detentur ta' dritt jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez ta', l-importatur, esportatur jew sid ta' l-oggetti;*[1]

*(b) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-persuni involuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.*

Illi ghalhekk, mill-Artikolu hawn citat jirrizulta li l-Qorti hija fil-fatt marbuta li tiddisponi minn dawk l-oggetti li jikkontravvjenu drittijiet ta' proprjeta' intellettwali kif mitlub mis-socjeta' rikorrenti permezz tat-tieni u t-tielet talbiet taghha u dan minghajr il-htiega li l-Kontrollur tad-Dwan

---

[1] Enfasi mizjuda

jkun parti mill-kawza. Hekk gara fil-kawza fl-ismijiet *Avukat Dr. Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali ta' Rothmans of Pall Mall Limited vs Dr. Mark Busuttil noe* deciza fit-22 ta' April 2010 (1156/2009 RCP).

**Ghaldaqstant, il-Qorti tichad il-hames eccezzjoni tas-socjeta' intimata.**

Illi s-socjeta' intimata eccepiet ukoll - *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal kull buon fini jigi rilevat bir-rispett, u dan bhala amicus curiae, illi d-distruzzjoni ta' l-oggetti maqbuda zgur sejra tintralca l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u l-Inkjesta Magisterjali, li ghadha ghaddejja sal-lum, inkwantu ssir id-distruzzjoni ta' l-ahjar prova f'kaz li jittiehdu proceduri kriminali;*

Illi kif gia nghad precedentement, l-Artikolu 8(1) tal-Kap. 414 huwa tassativ f'kazijiet fejn tirrizulta l-kontravvenzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali u ghalhekk il-Qorti tordna li l-Kontrollur tad-Dwana jiddisponi mill-oggetti mertu tal-kawza **wara** li tigi ffinalizzata l-inkjesta Magisterjali u jew il-proceduri Kriminali, li jistghu ghadhom ikunu pendenti.

**Ghaldaqstant il-Qorti, tichad is-seba' eccezzjoni tas-socjeta' intimata.**

Illi permezz tat-tmien eccezzjoni taghha s-socjeta' intimata eccepiet - *Illi in kwantu ghar-raba' talba, din m'ghandhiex tintlaqa' fil-konfront ta' l-esponenti, u dan stante illi b'referenza ghat-tielet (sic) eccezzjoni, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghar-raguni hemm moghtija;*

Illi a skans ta' wisq ripetizzjoni, in vista ta' dak li inghad supra fir-rigward tar-raba eccezzjoni, s-socjeta' intimata

mhijiex responsabbli ghall-kontravvenzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti u ghalhekk ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, inkluz ghar-rigward tar-raba' talba tas-socjeta' rikorrenti dwar l-ispejjez relattivi ghall-mizuri minnha mitluba.

**Ghaldaqstant il-Qorti, tilqa' it-tmien eccezzjoni tas-socjeta' intimata.**

Illi s-socjeta' intimata eccepiet ukoll – *Illi minghajr pregudizzju ghar-raba' eccezzjoni, f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba attrici, l-eccepjenti m'ghandha ebda interess xi jsir mill-oggetti mertu ta' din il-kawza, hlief ghal dak sollevat fir-raba' eccezzjoni u tirrizerva d-drittijiet kollha taghha versu l-persuni kollha koncernati ghall-kumpens ghad-danni kollha li qeghdin, u ghad isoffri, kif ukoll ghall-hlas tas-servizzi rezi naxxenti mill-Bill of Lading de quo;*

Ghalkemm kif inghad relattivament ghar-raba' u t-tmien eccezzjoni tas-socjeta' intimata hawn fuq trattati, s-socjeta' intimata mhijiex responsabbli ghall-kontravvenzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti u kwindi m'ghandha tbaghti l-ebda spejjez fir-rigward tal-mizuri relattivi kif mitluba mis-socjeta' rikorrenti jew fir-rigward tal-proceduri de quo, id-dritt taghha fir-rigward tal-hlas ghas-servizzi rezi relattivament ghall-konsenja in kwistjoni ma tistax tibda biex tigi komtemplata. Dan qieghed jinghad il-ghaliex il-Qorti rinfaccjata b'oggetti, pprovati permezz ta' proceduri legali li huma kontrafatti, hija marbuta li tordna id-distruzzjoni taghhom. **Apparti l-fatt illi din l-ordni gja saret minn din il-Qorti, ma jista' jkun hemm ebda dritt ta' segwitu fuq oggetti illegali**. Lanqas ma jista jibqa' inpregudikat id-drittijiet tas-socjeta' intimata kontra l-intimat Raymond Borg, stante li si tratta ta'causa illecita. **Ghaldaqstant, il-Qorti tichad is-sitt eccezzjoni tas-socjeta' intimata.**

Illi fir-rigward tal-intimat Raymond Borg, mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament hu kien d-destinatarju tal-oggetti li jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-

socjeta’ rikorrenti u kien responsabbli ghall-importazzjoni tas-sigaretti kontrafatti importati f’dawn il-gzejjer u x’aktarx kien il-mohh wara l-operazzjoni kollha u **ghalhekk l-intimat Raymond Borg ghandu jbaghti wahdu l-ispejjez kollha indikati fir-raba’ talba tas-socjeta’ rikorrenti.**

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni, tichad it-tielet, il-hames, s-sitt u s-seba’ eccezzjoni tas-socjeta’ intimata Euro Freight Services Limited; tilqa’ r-raba’ u t-tmien eccezzjoni tas-socjeta’ intimata Euro Freight Services Limited u konsegwentement:

**1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kwantita` ta’ prodotti ta’ sigaretti gewwa pakketti lkoll go kaxxi tal-kartun, liema sigaretti, pakketti u kaxxi tal-kartun kollha fihom sinjali “ROYALS” bhal dawk tas-socjeta’ attrici u prezentati b’mod prominenti, u kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container BSIU 9165061 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta’ attrici;**

**2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex, wara li jaccerta ruhu li l-inkjesta Magisterjali u l-proceduri Kriminali abbinati ma din il-kawza gew finalizzati, jiddistruggi l-oggetti kontrafatti u cioe’ 2,530,000 sigaretti li fihom sinjali “Royals” u il- ppakkettjar taghhom, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-intimati, u a spejjez tal-intimat Raymond Borg fi zmien disghin (90) gurnata mid-data tal-gheluq tal-proceduri Kriminali u f’kaz li dawn huma gia konkjuzi, fi zmien disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza ;**

**3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba in vista tal-ordni ta' distruzzjoni tal-oggetti kontrafatti moghtija minn din il-Qorti fit-tieni talba;**

**4. Tordna li l-intimat Raymond Borg jhallas l-ispejjez kollha konnessi tal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk tas-socjeta' intimata, a karigu tal-intimat Raymond Borg.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------